**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 30 – IT-TLIETA, 6 TA' DIĊEMBRU 2016 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Josette Micallef | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 29**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dott. Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu li dawn jiġu approvati u ffirmati.

**2 Punti mill-Minuti**

2.1 L-Aġent SE infurmat li kienet intbagħtet kommunikazzjoni għat-talba għal *speed cameras* fi Triq il-Ħida u fi Triq Birkirkara.

2.2 L-Aġent SE infurmat li kienet għamlet spezzjoni fi Triq il-Gallina fir-rigward ta' para. 4.1 fejn innutat li l-vettura li kienet fid-*drive in* kienet zgħira bizzejjed li ma tostakolax il-bankina. Barra minn hekk kienet qed tiġi pparkjata vettura oħra quddiemha fil-parkeġġ l-isfar. Is-Sur Mangion informa li hu kellu ritratt ieħor li juri li l-vettura kienet qed tagħlaq il-bankina. Huwa informa li kien irċieva kommunikazzjoni lura min-naħa ta' TM fir-rigward ta' dan il-parkeġġ. L-Aġent SE talbet lis-Sur Mangion biex jibgħatilha din il-kommunikazzjoni.

2.3 Is-Sur Mangion informa li hemm *double yellow lines* fi Triq il-Gallina li saru matul ix-xahar ta' Ottubru u li aktar 'il fuq kien hemm ohrajn li ma ġewx *refreshed*.

2.4 L-Aġent SE infurmat li l-*junction box* fi Triq Birkirkara kienet tlestiet.

2.5 Is-Sur Mangion informa li saret in-*no entry sign* ta' Triq San Pawl.

2.6 Is-Sur Mangion staqsa dwar il-kwistjoni ta' para. 2.7 minħabba li hemm il-*floodlights* taz-*zebra crossing* mitfija filwaqt li s-sinjal tas-*solar panel* mhux jaħdem. L-Aġent SE infurmat li l-Kunsill kien se jagħmel laqgħa mal-Korporazzjoni Enemalta fir-rigward tal-problemi li hemm li jirrigwardjaw id-dawl f'San Ġwann.

2.7 Is-Sur Mangion informa li baqgħu ma sarux ir-*refreshing* innutati f'para. 2.8 u 2.9. L-Aġent SE infurmat li kienet diġà ġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur.

2.8 Is-Sur Mangion informa li l-plot vojta fi Triq il-Kuċċard k/m Triq il-Bilbla hija pubblika. Huwa qal li fil-fatt din mhux l-ewwel darba li tnaddfet mill-Kunsill. L-Aġent SE infurmat li hi ma kellhiex informazzjoni u li kienet se ssaqsi lis-SE jekk il-Kunsill ħax ħsieb inaddafha diġà fil-passat.

2.9 Is-Sur Mangion irrefera ghat-tabelli ta' para. 3.1 li kellu jieħu ħsiebhom iċ-*Chairperson*. Huwa informa li kien se jgħaddi kopja lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv kif ukoll lis-SE meta dan jiġi lura.

2.10 Is-Sur Mangion fakkar lill-Aġent SE dwar ħaxix ħiereġ minn *gutter* fi Triq il-Kuċċard.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

3.1 Iċ-*Chairperson* informa li kienet giet mizbugħa kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq il-Ġojjin u din kienet saret minn terzi persuni li m'humiex kuntratturi tal-Kunsill. Iċ-*Chairperson* qal li huwa mhux kontra l-kaxxa imma kontra l-metodu li ġiet attwata. Iċ-*Chairperson* ikkwota kliem il-Viċi Sindku minn paragrafu 6.2 mill-minuti ta' laqgha numru 54 tas-sena 2015. Il-Kumitat Amministrattiv iddeplora l-metodu kif jaħdem il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann, b'mod speċjali dak kollu li jirrigwardja l-lokalità tal-Kappara u n-nuqqas ta' rispett li dawn għandhom lejn il-membri tal-istess Kumitat Amministrattiv.

3.2 Iċ-*Chairperson* informa li kienu kellmuh mill-Iskola tac-Chiswick rigward il-bankini li hemm fil-viċinanzi u li ma kinux ideali għal ħdejn skola. Kien hemm qbil unanimu li dawn għandhom isiru.

3.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mangion, iċ-*Chairperson* fakkar li l-laqgħa mal-kuntrattur tal-knis kellha ssir fix-xahar ta' Jannar 2017.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Is-Sur Mangion qal li kiteb fuq *The Dot* dwar *3-phase electricity meter* fi Triq il-Gallina li qiegħed perikoluz.

4.2 Dr. Frank Bartolo ġibed l-attenzjoni dwar wieħed mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv li kien ilu ħafna ma jattendi. Kien hemm qbil li ċ-*Chairperson* għandu jkellmu hu biex jara jekk dan għadux interessat li jkompli.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 10 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |